## JADE Health – Azzjoni Konġunta li tindirizza d-Dimensja u s-Saħħa

L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (AAKK) bi pjaċir tħabbar il-parteċipazzjoni tagħha fil-Proġett tal-Unjoni Ewropea – JADE Health, Azzjoni Konġunta li tindirizza d-Dimensja u s-Saħħa.

L-għan ewlieni ta' JADE Health huwa li jnaqqas il-piż tad-dimensja u kundizzjonijiet newroloġiċi oħra u biex ukoll ittejjeb il-kwalità tal-kura għal persuni b'dawn il-kundizzjonijiet. Dan jintlaħaq billi tiżviluppa mudelli ġodda ta' kura li jinkoraġġixxu iktar għarfien, jgħinu biex ikun hemm anzjanità iktar b'saħħitha, biex nindunaw bil-mard minn kmieni, u biex nipprevjenu d-dimensja u l-puplesija.

Total ta' 47 entità affiljati minn 17-il pajjiż ilhom jaħdmu biex jiżviluppaw il-proposta taħt il-koordinazzjoni u tmexxejja ta' tim Spanjol – Fundesalud, Fondazzjoni għat-Taħriġ u r-Riċerka tal-Professjonisti tas-Saħħa f'Extremadura. L-għan prinċipali huwa li jaħdmu flimkien ma' total ta' 7,500 professjonist tal-kura tas-saħħa, carers, pazjenti, familji u caregivers madwar il-pajjiżi Ewropej permezz tal-iżvilupp ta' 44 interventi pilota li jinvolvu l-aħjar prattiċi fil-pajjiżi parteċipanti. Il-proġett beda fl-1 ta' Jannar 2025 u se jkompli sal-aħħar tal-2027.

JADE Health jikkonsisti f'serje ta' 10 Pakketti ta' Xogħol li jittrattaw diversi aspetti amministrattivi u tekniċi tal-proġett. L-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità hija involuta fil-koordinazzjoni tal-Pakkett ta' Xogħol Nru 6 li jittratta dwar l-għarfien minn kmieni ta' kundizzjonijiet newrokognittivi. Dan ix-xogħol qed isir flimkien ma' mexxejja mis-Soċjetà Bulgara tad-Dimensja. L-AAKK qed tipparteċipa wkoll fil-Pakkett ta' Xogħol Nru 7 dwar il-prevenzjoni tad-dimensja u l-puplesija u fil-Pakkett ta' Xogħol Nru 10 dwar gruppi vulnerabbli u għarfien fuq l-istigma.

---

Iktar informazzjoni: https://jadementia.eu @jadementia.eu @HaDEA

European Health and Digital Executive Agency (HaDEA)

#MentalHealth #dementia #EU4Health

Co-funded by the European Union

JADE Health has received funding from the European Union under GA 101183247